

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2006/0144(COD)**

28.3.2007

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-enzimi ta' l-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, u -Direttiva 2001/112/KE  
(COM(2006)0425 – C6-0257/2006 – 2006/0144(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Erna Hennicot-Schoepges

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Għal eluf ta' snin, il-bniedem uża mikro-organiżmi naturali - batterji, ħmira u moffa - u l-enzimi li dawn jipproduċu biex jagħmel ikel bħal ħobż, ġobon, birra u nbid. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin l-użu ta' l-enzimi fl-ipproċessar ta' l-ikel (bħal ikel moħmi, inbid u meraq tal-frott jew ħaxix, il-birra, prodotti tal-ħalib, lamtu u zokkor) żdied b'mod sinifikanti u ż-żieda fis-sofistikazzjoni tal-metodi ta' l-ipproċessar u l-preparazzjoni ta' l-ikel ser tirrikjedi wkoll firxa dejjem aktar wiesgħa ta' enzimi .

L-enzimi huma utli ħafna fl-industrija ta' l-ikel. Bl-azzjoni bijokatalista tagħhom, huma jħaffu r-reazzjonijiet bijokimiċi li permezz tagħhom il-materjal bijoloġiku kollu jinbena u fl-aħħar jitfarrak. L-enzimi jistgħu jkissru molekuli kumplessi (eż. karboidrati) f'unitajiet iżgħar, jistgħu jikkatalizzaw bidliet strutturali ġewwa molekula waħda (eż. l-isomerizzazzjoni taz-zokkor), jew jgħaqqdu l-molekuli li fuqhom taġixxi enzima ma' molekuli speċifiċi oħra (eż. il-formazzjoni ta' proteini jew ta' materjali tal-ħitan taċ-ċelluli). Barra minn hekk, l-enzimi huma effiċjenti ħafna, u huma kapaċi jħaffu r-reazzjonijiet b'miljun darba mingħajr ma jimmodifikaw lilhom infushom. Meta mqabbla ma' reazzjonijiet ikkatalizzati permezz tal-kimika, ir-reazzjonijiet ipprovokati mill-enzimi joffru xi vantaġġi kbar f'termini ta' konsum aktar baxx ta' enerġija, inqas produzzjoni ta' skart u bijodegradabilità. L-enzimi jistgħu jittqabblu ma' ċavetta għal serratura partikulari, iktar milli ma' mannara kimika biex tkisser il-bieb. Iż-żieda fl-użu ta' l-enzimi wasslet għall-enzimi "kummerċjali", maħluqa mill-fermentazzjoni ta' mikro-organiżmi magħżula apposta.

Il-leġislazzjoni li tirregola l-użu ta' l-enzimi fl-ipproċessar ta' l-ikel fl-UE fil-preżent mhix armonizzata għal kollox. L-enzimi li jintużaw fl-ipproċessar ta' l-ikel huma meqjusa jew bħala addittivi ta' l-ikel jew għajnuniet għall-ipproċessar. L-addittivi ta' l-ikel huma essenzjalment sustanzi li huma miżjuda ma' l-ikel u li għandhom funzjoni teknoloġika f'dak l-ikel, waqt li l-għajnuniet għall-ipproċessar huma essenzjalment sustanzi li huma miżjuda waqt l-ipproċessar ta' l-ikel għal raġunijiet tekniċi u jistgħu jispiċċaw fl-ikel iżda m'għandhomx funzjoni teknoloġika fil-prodott ta' l-ikel finali.

L-użu ta' l-enzimi bħala addittivi ta' l-ikel huwa rregolat mid-Direttiva 89/107/KEE. Madankollu, bħalissa, din id-Direttiva tkopri u tawtorizza biss żewġ enzimi bħala addittivi ta' l-ikel (il-'lysozyme' u l-'invertase' ). L-użu ta' l-enzimi bħala għajnuniet għall-ipproċessar mhux irregolat fil-livell Ewropew, iżda biss fil-livell nazzjonali. Il-leġislazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam hija differenti minn pajjiż għall-ieħor f'dak li għandu x'jaqsam man-numru u t-tip ta' enzimi permessi (kemm jekk maħluqa minn mikro-organiżmi modifikati ġenetikament kemm jekk le) f'użi varji, u wkoll fir-rigward ta' l-approvazzjoni qabel it-tqegħid fis-suq.

Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet indaqs u jkun żgurat it-tħaddim kif suppost tas-suq intern, hija meħtieġa l-armonizzazzjoni tar-regoli fil-livell komunitarju. Din il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tarmonizza l-evalwazzjoni tas-sikurezza u l-awtorizzazzjoni ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha, inklużi dawk maħluqa mill-GMOs, u tipprevedi l-obbligu tat-tikkettar.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom tilqa' din il-proposta li se tintroduċi sistema armonizzata għall-evalwazzjoni tas-sikurezza ta' l-enzimi fil-livell komunitarju. Madankollu, biex il-proposta tkun iktar fattibbli, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom tixtieq tintroduċi "proċedura

mgħaġġla" għall-enzimi ta' l-ikel diġà evalwati u awtorizzati mill-Istati Membri (bħad-Danimarka, Franza jew ir-Renju Unit). Barra minn hekk, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom tixtieq tipproponi ċerti emendi biex ittejjeb iċ-ċarezza legali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill- Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni<sup>1</sup>

Emendi tal-Parlament

### Emenda 1

Artikolu 2, paragrafu 2, punt (c a) (ġdid)

**(ca) għajnuniet għad-diġestjoni;**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika legali. Għandu jidher ċar li, kif iddikjarat fil-Premessa 4, dan ir-Regolament għandu jkopri biss l-enzimi li jiġu miżjuda ma' l-ikel biex iwettqu funzjoni teknoloġika u mhux għall-enzimi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, bħall-enzimi għall-għajnuniet għad-diġestjoni.*

### Emenda 2

Artikolu 2, paragrafu 4

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kulturi tal-mikrobi li jintużaw **tradizzjonalment** fil-produzzjoni ta' l-ikel u li jista' jkun fihom l-enzimi iżda li ma jintużawx speċifikament biex jipproduċuhom.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kulturi tal-mikrobi li jintużaw fil-produzzjoni ta' l-ikel u li jista' jkun fihom l-enzimi iżda li ma jintużawx speċifikament biex jipproduċuhom.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika legali. Mhux ċar x'inhom kopert mill-kelma "tradizzjonalment".*

### Emenda 3

Artikolu 3, paragrafu 2, subparagrafu 1 a (new)

<sup>1</sup> Għadu mhux ippublikat fil-ĠU.

*'preparazzjoni ta' enzima ta' l-ikel' tfisser enzima ta' l-ikel ifformulata b'sustanzi li jiffaċilitaw il-ħażna, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwizzjoni u t-taħlil ta' l-enzima ta' l-ikel.*

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni ta' 'preparazzjoni ta' enzima ta' l-ikel' hija nieqsa minn din il-proposta. Sabiex jitħaffef l-ittikettar min-negozju għal negozju ta' l-enzimi ta' l-ikel, dan it-terminu huwa introdott fl-Artikolu 8.*

Emenda 4

Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a)

(a) ***l-isem*** ta' l-enzima ta' l-ikel;

(a) ***id-definizzjoni*** ta' l-enzima ta' l-ikel, ***inkluż l-isem komuni jew rakkomandat tagħha, l-isem sistematiku u sinonimi, jekk hu possibbli skond in-nomenklatura ta' l-Unjoni Internazzjonali tal-Bijokimika u l-Bijoloġija Molekulari u, fil-każ ta' enzimi kumplessi, magħżula fuq il-bażi ta' l-attività ta' l-enzima li tiddetermina l-funzjoni ta' l-enzimi;***

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk hu possibbli, għandu jintuża l-aktar isem preċiż ta' l-enzima, skond in-nomenklatura ta' l-Unjoni Internazzjonali tal-Bijokimika u l-Bijoloġija Molekulari (IUB). F'każi ta' enzimi kumplessi, l-isem għandu jkun ibbażat fuq l-attività ta' l-enzima (prinċipju attiv) li qed tagħti l-funzjonalità fl-ipproċessar ta' l-ikel.*

Emenda 5

Artikolu 7, Titolu

L-inklużjoni ta' ***enzimi*** modifikati ġenetikament fil-lista Komunitarja

L-inklużjoni ***fil-lista Komunitarja*** ta' ***l-enzimi ta' l-ikel minn mikro-organiżmi*** modifikati ġenetikament.

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "enzimi modifikati ġenetikament" jista' jwassal għal nuqqas ta' ftehim.*

Emenda 6

## Artikolu 8

L-enzimi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali, kemm jekk jinbiegħu waħda waħda jew imħalltin ma' xulxin ***u/jew ma' ingredjenti kif iddefinit fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2000/13/KE***, jistgħu *jitqiegħdu fuq is-sug* biss fejn l-ippakkjar jew il-kontenituri ikollhom fuqhom l-informazzjoni *provdut* fl-Artikoli 9 sa 12 ta' dan ir-Regolament, li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u ma titħassarx.

L-enzimi ta' l-ikel ***u l-preparazzjonijiet ta' enzimi ta' l-ikel*** li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali, kemm jekk jinbiegħu waħda waħda jew imħalltin ma' xulxin, jistgħu jiġu *kkummerċjalizzati* biss fejn l-ippakkjar jew il-kontenituri *jkollhom* fuqhom l-informazzjoni *prevista* fl-Artikoli 9 sa 12 ta' dan ir-Regolament, li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u ma titħassarx.

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitħaffef l-ittikettar min-negozju għal negozju ta' l-enzimi ta' l-ikel.*

## Emenda 7

### Artikolu 9, paragrafu 2

2. Fejn l-enzimi ta' l-ikel jinbiegħu mħalltin ma' xulxin, *għandha tingħata l-informazzjoni provduta fil-paragrafu 1 fejn għandha x'taqsam* kull enzima ta' l-ikel, ***f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħha skond il-piż tat-total.***

2. Fejn l-enzimi ta' l-ikel jinbiegħu mħalltin ma' xulxin, *l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tingħata fir-rigward ta' kull enzima ta' l-ikel.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitħaffef l-ittikettar min-negozju għal negozju ta' l-enzimi ta' l-ikel.*

## Emenda 8

### Artikolu 12, paragrafu 1, punt (g a) (ġdid)

***(ga) id-data ta' l-iskadenza li warajha l-użu ta' l-enzima ta' l-ikel ma jkunx xieraq;***

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti għall-produtturi ta' l-ikel li jkun jafu kemm se jdumu tajbin l-enzimi ta' l-ikel sabiex jiżguraw is-sikurezza ta' l-ikel.*

## Emenda 9

Artikolu 18, Paragrafu 4, punt (b a)(ġdid)

***(ba) Il-Kummissjoni tista' tinkludi fil-lista Komunitarja kwalunkwe enzima ta' l-ikel diġà awtorizzata fid-Danimarka, fi Franza jew fir-Renju Unit, jew diġà evalwata mill-Kumitat Konġunt ta' Esperti dwar l-Addittivi ta' l-Ikel, mingħajr il-ħtieġa ta' applikazzjoni skond paragrafu 2 jew l-opinjoni ta' l-Awtorità.***

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tkun permessa "proċedura mgħaġġla" għall-enzimi ta' l-ikel diġà evalwati mill-JECFA jew diġà awtorizzati fid-Danimarka, fi Franza jew fir-Renju Unit. Dan iħaffef ix-xogħol ta' l-EFSA.*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Enzimi ta' l-Ikel
<b>Referenzi</b>	COM(2006)0425 - C6-0257/2006 - 2006/0144(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	ENVI
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 5.9.2006
<b>Rapporteur għal opinjoni:</b> Data tal-ħatra	Erna Hennicot-Schoepges 4.10.2006
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	28.11.2006            27.2.2007            27.3.2007
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.3.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	+:            47 -:            0 0:            0
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	Jan Březina, Renato Brunetta, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Silvia Ciornei, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Anne Laperrouze, Eugenijus Maldeikis, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Atanas Papanizov, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Radu Țirle, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alvaro, Philip Dimitrov Dimitrov, Avril Doyle, Robert Goebbels, Matthias Groote, Satu Hassi, Eija-Riitta Korhola, Esko Seppänen, Hannes Swoboda, Lambert van Nistelrooij